MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2394/2002

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Redento sive Rennie Bartolo**

**vs**

**Gilbert Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1224.50) rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBE-097 fl-10 ta' Marzu, 2001 gewwa z-Zejtun habat mal-vettura numru ta' registrazzjoni AAG-558 proprjeta` ta' Redento sive Rennie Bartolo u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Lulju, 2002 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut li baqa' ngunt ghas-subizzjoni**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta' Ottubru, 2002, fejn intqal illi dak li talab l-attur ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti l-eccipjent. Bl-ispejjez. B'riserva tad-dritt ta' l-eccipjent ghar-risarciment tad-danni tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 249 Angelo Curmi, Ivan Bartolo u Gilbert Zammit.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' Marzu, 2001, fil-11.15pm bejn il-vettura AAG-558 proprjeta` ta' Redento sive Rennie Bartolo u misjuqa minn Ivan Bartolo, u l-vettura KBE-097 propjeta` ta' Innocent Zammit u misjuqa mill-konvenut Gilbert Zammit. L-incident gara fil-Wesgha ta' Bir-id-Deheb, Zejtun.**

**2. Ivan Bartolo kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Ghaxaq, u meta wasal hdejn il-"give way sign" hares lejn id-direzzjoni ta' Birzebbugia u ra li ma kienux gejjin vetturi. Ghalhekk hu beda jdur mar-roundabout u sab vettura gejja fuqu mix-xellug tieghu. Fil-hin ta' l-incident kienet ix-xita, kien iz-zlieq, u kien bil-lejl.**

**3. Is-Surgent tal-Pulizija PS249 Angelo Curmi, ikkonferma li l-vettura ta' l-attur kienet dik il-vettura li qed iddur mar-roundabout. Is-Surgent qal li il-konvenut hareg minn fuq il-"give way sign" u dana**

**skond ma qallu hu, u kif rapportat fir-road accident report esibit. Dok.AC1.**

**4. Il-konvenut xehed li waqaf fuq il-"give way sign" u meta ma ra lil hadd gej beda hiereg u f'salt giet il-vettura ta' l-attur li bbrejkja u baqa' diehel fuqu. Hu jghid li bid-daqqa l-vettura tieghu daret u giet thares lejn id-direzzjoni minn fejn kien gej. Il-konvenut jghid li qabel l-attur ghaddiet vettura ohra.**

**5. It-Tribunal fir-rigward jirrileva li ghalkemm il-konvenut qal li l-attur zamm brake, ma kien hemm ebda sinjal ta' brake marks fil-post. Jirrileva wkoll li mid-danni riportati fil-vettura ta' l-attur ossija fil-genb, li kieku kien kif qed jghid il-konvenut li l-attur zamm brake, dan kien jarah minn qabel, u mhux ikompli hiereg meta jarah gej.**

**6. It-Tribunal iqies li f'dan il-kaz il-vetturi kienu waslu f'salib it-toroq u kien jirrispetta lil kulhadd li jimxi bl-akbar diligenza tenut kont tal-hin u lok li fih gara l-incident, kif ukoll l-istat tat-triq, ossija li kienet ix-xita u kien hemm iz-zlieq. Anke l-attur kellu l-obbligu li joqghod attent fic-cirkostanzi ghat-traffiku li kien hemm. Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut ma saqx bi prudenza tenut kont tal-lok, hin u stat ta' l-art, u ma kienx attent ghat-traffiku li gej, tant li lanqas ma ra lill-konvenut riesaq kif riportat fir-road accident report skond ma qal l-istess konvenut: "As I left the give way sign I did not see the other vehicle approaching." Id-danni riportati fil-vetturi huma kompatibbli mal-fatt li l-konvenut baqa' hiereg ghall-fuq l-attur, u mill-provi jirrizulta li dan fil-fatt ma kienx induna bl-attur.**

**7. Id-danni riportati jirrizultaw mid-dokumenti esibiti a fol.27 sa 40 tal-process, fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-**

**somma ta' elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1224.50), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Lulju, 2002 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------